Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 1/2016

**The Computer Training Course Ltd (appellata)**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi (appellant)**

12 ta' Novembru, 2018.

1. B'rikors prezentat fid-29 ta' Marzu, 2016 il-Kummissarju appella minn decizjoni tal-Bord tal-Appell taht l-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni (Kap. 473) li nghatat fit-3 ta' Marzu, 2016. B'dik id-decizjoni l-Bord iddecieda li fil-kaz in ezami il-merkanzija (tablets) ma kinux jaqghu taht HS Code 8471 li jirreferi ghall-importazzjoni ta' kompjuters. Il-Bord qal:

> *"Hija d-decizjoni unanima tal-Bord li l-Kodici l-aktar ragonevoli ghal fini tal-Eko-Kontribuzzjoni ghandha tkun HS 8470 90 others, bir-rata ta' 2.33 Ewro. Total ta' Eko 4210.31 Ewros. Ghar-rigward ta' Levy l-ammont gust huwa ta' 421 Ewro".*

2. L-aggravji tal-appellant huma:

    i. Nuqqas ta' harsien tar-regoli generali ta' procedura u nuqqas ta' smiegh xieraq;
    ii. Nuqqas ta' kompetenza;
    iii. Applikazzjoni hazin tal-ligi.

3. L-appellata wiegbet li wara d-decizjoni tal-Bord, kienet hallset is-somma li llikwida l-Bord.

4. Jirrizulta li fil-11 ta' Marzu, 2016 l-appellata hallset is-somma ta' €4,631.31, li fil-fatt hi s-somma stabbilita mill-Bord. Hlas li sar qabel l-appellant ipprezenta l-appell. Hu veru li fir-ricevuta li hareg l-appellant jinghad, *"Legal fees paid by cheque no 7104 Eco no 1070-0521"*. Pero' hu ovvju li l-hlas sar b'riferenza ghas-somma likwidata mill-Bord tal-Appelli. Fil-fatt l-ammont dikjarat fir-ricevuta tal-appellant hu identiku ghal dak li llikwida l-Bord.

5. Ghaldaqstant, l-appellant accetta l-pagament li llikwida l-Bord minghajr ebda rizerva. Fic-cirkostanzi hu evidenti li l-appellant gie li accetta d-decizjoni tal-Bord. L-appell li pprezenta fid-29 ta' Marzu, 2016 ma kienx kompatibbli mal-hlas li rcieva fil-11 ta' Marzu, 2016 minghajr ebda rizerva.

6. Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju, it-taghrif li ta William Grech (Director Compliance & Systems, Dipartiment tad-Dwana) ma kienx determinanti ghall-ezitu tal-kawza. Il-qorti taghmilha cara li ma taqbel xejn mal-procedura li addotta l-Bord li kiseb taghrif minghand ufficjal tad-Dwana minn wara dahar il-partijiet u wara li l-kaz kien thalla ghas-sottomissjonijiet tal-partijiet. Sfortunatament dak hu li jigri meta fuq Bord ta' Appell hadd mill-membri ma jkun avukat. Fid-decizjoni l-Bord qal:

> *"Ghall-Bord, id-dikjarazzjoni bil-miktub tas-sur Willy Grech fissret li kontribuzzjonijiet ohra, dovuti skond il-ligi tal-EKO Kap. 473, ma kinux jaqghu taht il-kompitu tal-Ordinanza tad-Dwana"*.

7. Madankollu r-raguni ghalfejn il-Bord laqa' l-appell tal-appellanti kien minhabba li fil-fehma tieghu l-merkanzija li mportat l-appellata ma kinitx taqa' taht l-HS Code 8471 izda 'HS 8470 90 others'. William Grech ma ta l-ebda informazzjoni dwar dak l-aspett kardinali tal-vertenza. Sabiex il-Bord jasal ghal dak li nghad fil-paragrafu precedenti, ma kellux ghalfejn jitlob taghrif minghand William Grech, ghaliex l-eko-kontribuzzjoni tingabar a bazi tal-Kap. 473.

8. Fit-tieni aggravju l-appellant isostni li l-Bord ma kellux kompetenza biex jiddeciedi liema HS Code tapplika ghall-merkanzija, u li hu d-Dipartiment tat-Dwana li jassenja HS Code. Kompla jghid:

> *"Illi kull oggezzjoni ghall-klassifikazzjoni ta' dawk l-oggetti mid-Dipartiment tad-Dwana ma setghet qatt titressaq quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Eko-kontribuzzjoni: zgur li l-Bord ma kellux kompetenza"*.

9. Skont l-artikolu 20 tal-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni, persuna notifikata bi stima tista' toggezzjona ghall-ammont ta' eko-kontribuzzjoni. Il-ligi ma tghidx li l-Bord m'ghandux kompetenza biex jiddetermina, ghal finijiet ta' eko-kontribuzzjoni, liema HS Code tapplika ghall-merkanzija li dwarha jkun hemm il-kwistjoni. Lanqas ma tipprovdi li ghal finijiet tal-Kap. 473, il-klassifikazzjoni li tinghata ghal finijiet tal-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni (Kap. 337) hi finali.

10. Appell quddiem din il-qorti jista' jsir biss fuq punti ta' ligi (artikolu 23 tal-Kap. 473). Il-kwistjoni bejn il-partijiet kienet jekk l-oggetti li mportat l-appellata kinux jaqghu taht HS Code 84.71 (***Automatic data processing machines*** *and units thereof; magnetic or optical readers, machines for transcribing data onto data media in coded form and machines for processing such data, not elsewhere specified or included*). Kompjuters jaqghu taht dik il-klassifikazzjoni. Sabiex jigi determinat taht liema HS Code taqa' l-merkanzija oggett tal-vertenza, irid isir apprezzament ta' provi. Mhuwiex possibbli li tiddeciedi dwar materja simili minghajr ma tezamina l-oggett u taqra l-*instructions* li jkunu mieghu. B'hekk tkun tista' tiddetermina x'*functions* ghandu u minn hemm tiddeciedi jekk il-prodott jaqax f'HS Code 84.71. Dawk huma kollha punti ta' fatt li dwarhom m'hemmx jedd ta' appell. Ghalhekk mhuwiex rilevanti x'inhi l-fehma ta' din il-qorti dwar il-fatti tal-kaz.

11. L-appellant argumenta wkoll li ladarba id-Dipartiment tad-Dwana iddetermina taht liema HS Code jaqa' l-prodott, dik hi materja li ma tistax tigi kontestata. L-appellant m'ghamilx riferenza ghal disposizzjoni li tipprovdi li l-klassifikazzjoni li seta' ta d-Dipartiment tad-Dwana hi, ghal finijiet ta' hlas ta' eko-kontribuzzjoni, wahda finali. Ir-ragunament tal-appellant hu perikoluz

ghaliex ikun ifisser li m'hemmx mezz kif isir stharrig ta' decizjoni simili. Dan meta l-ligi stess taghti l-jedd lit-*taxpayer* li joggezzjona ghall-ammont ta' eko-kontribuzzjoni u penali amministrattiva li jintalab ihallas. Il-ligi ma tistipula l-ebda limitazzjoni dwar fuqhiex it-*taxpayer* jista' joggezzjona permezz ta' proceduri quddiem il-Bord tal-Appelli mwaqqaf bl-Att XII tal-2004 (Kap. 473).

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.